MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Talba Numru. 427/2004

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance plc kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurata taghhom Imp (Malta) Limited f'isimha proprju**

**Vs**

**Johan Micallef**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm1216 (elf, mitejn u sitax-il lira Maltin) relattivi ghal dan sussegwenti ghal kollizzjoni li grat fit-22 ta' Gunju 2002 bejn vetturi BAD 154 u IMP 007.

Bl-ispejjez u interessi inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru u qbid u tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fis-26 ta' Marzu 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fit-19 ta' April 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------